# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 26/20/1 TA**

**Katarzyna Labuz**

**v.**

**Avukat Kevin Plumpton**

1. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-20 ta' Ottubru 2022 li kkundannatu jħallas danni lill-attriċi fl-ammont ta' €115,709 meta tajjar lill-attriċi bil-vettura li kien qiegħed isuq fit-13 ta' April 2018 fi Triq Santa Marija, Sliema meta l-vettura nstaqet għal fuq il-bankina. Il-konvenut appella minn dik il-parti tas-sentenza li tirreferi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

2. B'rikors preżentat fis-17 ta' Novembru 2022 il-konvenut appella u ilmenta li:

> *"i. L-ewwel Qorti illikwidat danni għal liema ma nġabitx prova u ma kkunsidratx il-prinċipju li l-parti danneggata trid timminimizza d-danni meta kkalkolat id-damnum emergens.*
>
> *ii. L-ewwel Qorti kienet skorretta fit-tnaqqis li sar mill-kalkolazzjoni tal-lump sum payment.*
>
> *iii. L-Ewwel Qorti ma użatx il-bażi tal-paga korretta biex waslet għall-quantum tad-danni.*
>
> *iv. L-Ewwel Qorti żiedet 10% fil-kalkolazzjoni tal-lucrum cessans b'żieda ml-25% diżabilita permanenti stabbilita mill-espert tal-Qorti stess, u dan mingħajr ebda bażi legali".*

3. Il-motivazzjoni ta' dik il-parti tas-sentenza appellata li hi rilevanti għall-appell tal-konvenut, taqra hekk:

> *"<u>Lucrum cessans</u>*
>
> *Bħala fatti jirriżultaw li fil-mument tal-inċident kellha sitta u tletin (36) sena (ara a' fol 32 u 157). L-aħħar li ħadmet kien fl-2014 u dak in-nhar kellha paga minima ta' disgħa mitt ewro (€900) (Ara a' fol 172 B u 172 C). Tipposjedi ukoll diploma mill-Universita' Ljubljana bħala għalliema ta' edukazzjoni fiżika (ara a' fol 178 u diploma). Salv għal kundizzjonijiet li kellha meta 15-il sena, kollox ma' kollox kienet mara sana u mingħajr problemi serji ta' saħħa li setgħu jimpeduha milli tgħix ħajja normali (a' fol 108). Kienet miżżewwġa u fil-mument tal-inċident kienet mara tad-dar.*
>
> *Kif ingħad, meta ġara l-inċident, l-Attriċi kellha 36 sena. Illum l-eta' pensjonabbli hija dik ta' ħamsa u sittin sena (65). It-telf ta' qligħ għandu dejjem jinkludi wkoll il-potenzjal tal-vittma li taqla' xi xorta ta' entrojtu fil-ġejjieni. Per eżempju, li persuna diżabbilitata tkun qed taħdem wara l-inċident, anke jekk qeda taqla' iżjed minn qabel, dan ma jfissirx li hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol kieku ma korrietx. Il-fatt li persuna tkun qed taħdem ma jeskludihiex milli tingħata danni. Hekk ukoll, bħal fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-fatt li l-Attriċi ma kienetx taħdem għal diversi snin jew qatt ma għamlet użu mill-kwalifiki tagħha, ma jeskluduhiex milli tkun ikkupensata għad-danni permanenti li sofriet minħabba l-potenzjal ta' opportunitajiet mankati fil-futur. Il-kwistjoni tad-diżabilta permanenti hija waħda oġġettiva u tipprexxendi minn kull ċirkostanza post-inċidentali li minnha tkun qed tibbenifika il-vittma. Il-grad ta' permanenza ta'*

*diżabilita' iċaħħad lill-vittma minn opportunitajiet li ma kienx għal tali diżabilita' kienu jkunu disponibbli għaliha.*

*Id-diżabilita' neċessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal tagħha għax-xogħol, mhux biss mal-employer preżenti iżda wkoll ma terzi jew anke jekk taħdem għal rasha.[**Vol.LXXXII.II.243**]. Konsegwentement il-ġurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li għandu jifforma l-bażi tal-multiplier, mhuwiex il-life expectancy tad-danneġġjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tiegħu li llum il-ġurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta' pensjonabbli partikularment fid-dawl li llum id-durata ta' żmien ta' ħajja twalet. Anke l-istess Stat jirrikonoxxi li huwa probbali li persuna tibqa' taħdem anke wara l-eta' ta' irtirar. Dan tant huwa minnu li l-liġijiet soċjali illum jippermettu li persuna li taħdem wara l-eta' ta' irtirar hija eżenti mill-ħlas tal-bolla tal-pensjoni kontributorja.*

*Dan qiegħed jingħad mingħajr ma jiġi injorat il-fattur l-ieħor tac-chances and changes of life li jimponi ċertu elastiċita' ta' kriterju peress li l-pronunzjament tal-Qorti huwa wieħed ta' probabilita'. Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti għandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux sempliċement kongetturali, "huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpens jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwa sew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x' sejjer jigri jew x' jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjini" (Ara **Prim'Awla – [JRM] Evan Xuereb vs Vincent Spalding deċiża fl-10 ta' Lulju 2003**).*

*Għalhekk din il-Qorti fuq stregwa ta' dan it-tagħlim, abbażi tal-prinċipji ennunċjati u peress li ħadd ma jista' jbassar il-futur, id-danni ser ikunu kkalkolati perjodu ta' 24 sena flok 29 sena.*

*Dwar il-kwantum ta' perċentwalita' sofferta bħala danni permanenti, il-Qorti tagħmel referenza għal verbal fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022 fejn il-konvenut iddikjara li qed jistrieħ fuq ir-rapport tat-Tabib Fredrick Zammit Maemple (a' fol 172). Dan it-tabib wasal għall-konklużjoni li sena wara li eżamina lill-Attriċi din kellha diżabilita' permanenti ta' 25%. Dan huwa l-perċentwal li ser tkun qed tieħu il-Qorti ai fini ta' kalkolu ta' danni.*

*Dwar il-lump sum payment, il-Qorti tibda biex tfakkar li r-raġuni ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament antiċipat tal-kapital. Ikun hemm erozjoni progressiva mal-mixja taż-żmien ta' dan il-perċentwal bejn id-data ta' l-inċident u d-data tas-Sentenza, fis-sens, li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raġuni għal tali deduzzjoni. "Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni" (Ara **App.Civ fl-ismijiet Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon deċiża 5 ta' Ottubru 2001**).*

*Bħala regola ġenerali, dwar il-lumpa sum payment, il-Qrati tagħna huma konkordi fil-perċentwal ta' 20% ceteris paribaus. Prinċipju imnissel minn* ***Butler-vs-Heard****. Dan pero' jiddependi minn kemm ħadet iż-żmien biex il-Kawża tinqata' u basta dan it-tul ma jkunx attribwixxa għalih l-istess Attur (ara* ***Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs-Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001****). Fil-kawża tal-****Prim'Awla fl-ismijiet Caruana -vs- Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993*** *il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". Fil-kawża tal-****Prim'Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16-Diċ 2004*** *is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi* ***Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16-Mar-1999 u Caruana A vs Camilleri, App Ċiv Sup 27 ta' Frar 2004****, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża* ***Galea vs Piscopo PA 3-Ott-2003****, 5%* ***f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lul-2001*** *u 0% fil-kawżi* ***Turner vs Agius*** *App Ċiv Sup 28-Nov-2003.*

*Wara li qieset iċ-ċirkostanzi, kollha tal-każ, fost oħrajn li din il-kawża ma ilhiex pendent, din il-Qorti hija tal-fehma l-lump sum payment għandu jkun dak ta' 18%.*

*Dwar il-qliegħ din il-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn il-vittma qabel l-inċident ma kienitx taħdem u kienet mara tad-dar. B'dan ma jifssirx li din il-Qorti ma għandiex tqies il-possibbilita li taħdem. L-anqas ma din il-Qorti ma tista' tinjora, li minħabba l-ġrieħi li ssubit mhux ser ikun diffiċli li timpjega lilha innifisha f'xogħol li hija gradwata fiħ u ċioe' l-edukazzjoni fiżika. L-anqas ma din il-Qorti ma tista' iddawwar wiċċha u ma tqies li dan l-inċident ser ikun qiegħed jaffettwa il-maternita' tagħha minħabba diffikulta li twelled jew ir-relazzjoni intima mal-partner tagħha, kemm jekk tibqa' miżżewwġa jew le.*

*It-tabib Fredrick Zammit Maempel fl-aħħar paragrafu tar-rapport tiegħu jikkonkludi hekk:*

> *"The right hip lost practically half of the normal range of movement, and continues to restrict her walking distance and disturb her sleep. Traumatic dislocation of a hip, and more so a fracture dislocation of a hip, increases the possibility of arthritis setting in. In the case of Ms Labuz both hips suffered this fate. Right lower limb function was further curtailed by a bimalleolar fracture which involved articular surface and will precipitate ankle discomfort when walking on uneven ground. This ankle is also more prone to develop degenerative changes. As well as the cumulative adverse effect on mobility caused by damage to both lower limbs, Ms Labuz also suffered damage to the pelvic inlet at three sites. This is relevant in a female of child bearing age. The ligamentous damage to the left sacroiliac joint, the left acetabular fracture and displaced fragment of public ramus abut on or distort the pelvic inlet and may well interfere with normal childbirth. The sacroiliac joint damage may result in occasional low back pain".*

*Tajjeb li issir referenza għal dak li jgħidu l-awturi dwar dawn iċ-ċirkostanzi:*

> *"Ci sono certamente delle lesioni alla persona per le quali un criterio uniforme e tabellare deve essere raccomandato, ma tutta via si deve riconoscere, per quantu riguarda la Perdita di chances di vita connessa alle lesioni personali, questa e' una posta di danno che per se' si sottrae a una definizione unitaria e cichede di essere ancorata a' cirkostanze concrete e alle qualita della persona….si deneuncia l'inadeguatezzadi un Sistema di valutazione del danno della persona circoscrito soltanto alle spese subite e al mancato guadagno e se indica la soluzione risarcitoria in referimento al danno puramente biologico da liquidarsi in modo eguale per titte le persone con referimento al reditto medio nazionale. L-innovazione consiste in cio': nel contestare la prassi corrente medico-legale nel calcolo nell-ammontare del risarcimento del danno biologico e nel proporre un nuovo criterio di valutazione del danno fisico in aggiunta a quelli fin qui praticati." (Ara* ***Trattato Breve Della Responsabilita' Civile; Giovanna Visintini; pg 547, 548, Cedam****).*

*Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar xi kriterji għanda tuża bħala entrojtu stante li l-Attriċi ma kienetx taħdem u kienet mara tad-dar fil-mument tal-inċident. Ma hemm ebda dubbju li x-xogħol ta' mara tad-dar għandu jkun valorizżat daqs kull xogħol ieħor. Huwa interessanti dak li ġie osservat mill-Qorti ta' Cassazzione Taljana f'dan ir-rigward:*

> *"Chi svolge l'attività di casalinga, pur non percependo un reddito o uno* ***stipendio****, svolge tuttavia un'attività valutabile economicamente.*
>
> *I danni e le lesioni fisiche subite per fatto illecito altrui, se si riflettono su un'attività produttiva di reddito o* ***economicamente traducibile****, comportano dei danni economici di cui si ha diritto al risarcimento.*
>
> *Quindi, in caso venga riscontrata nella casalinga danneggiata, un'invalidità permanente o un'inabilità temporanea, tale da pregiudicare la sua attività domestica, il giudice dovrà disporre la liquidazione anche dei danni patrimoniali.*
>
> *Ricordiamo che per ottenere un risarcimento di natura patrimoniale, il danneggiato deve dimostrare che svolgeva un'attività produttiva di reddito, anche* ***figurativo*** *(come appunto la casalinga), già prima del verificarsi del sinistro.*
>
> *Tuttavia si può richiedere, anche se con molta più difficoltà e poche possibilità, il risarcimento del danno patrimoniale, anche quando il danneggiato non svolgeva i lavori domestici prima dell'****incidente****, che venivano invece affidati a collaboratori domestici." (* ***Cassazione sentenza n.10015 del 1996*** *).*
>
> *Din il-Qorti taqbel assolutament ma dan ir-raġjonament. Iżda fil-każ partikulari li għandha quddiemha din il-Qorti, il-vittma hija pjuttost ta' eta' żgħira u anke għandha kwalifiċi akkademiċi li ma jeskludux il-possibbilita' u li potenzjalment setgħet issib impieg b'remunerazzjoni*

*ogħla mill-paga minima. Il-paga minima ssemmmiet mill-partijiet bħala kalkolu. Il-Qorti taqbel mal-konvenut meta tgħid li l-paga għandha tkun skont il-liġi maltija u mhux dik ta' xi pajjiż barrani għaliex wara kollox l-inċident sar Malta. Għalhekk, bħala entrojtu il-Qorti fil-każ odjern ser tqies il-paga medja (average pay). Skont l-Uffiċċju tal-Istatistika Malta l-average pay għas-sena hija ta' elf sitt mija u tlettax il-ewro (€1613) (Ara* ***Sit thedispatch.mt****). Huwa fuq dan l-ammont li din il-Qorti ser timxi ai fini ta' kalkoli.*

*Għal fatt li din il-Qorti ħadet bħala kejl l-average pay u mhux dik minima, ma tħoss li għandha tipprovdi għall-inflazzjoni monetarja.*

*Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tillikwida l-ammont totali ta' danni sofferti mill-Attriċi fis-somma ta' mija u ħmistax-il elf sebgħa mija u disgħa ewro (€115,709) li ġew kalkolati hekk:*

*€1,613 (average wage) X 12 (sena) x 24 (ħajja lavorativa) = €464,544 (somma totali mhux imnaqqsa).*

*€464,544 – 83,617 (18% lump sum payment) = €380,927*

*€380,927 – 25% (percental permanenza diżabilita') = €95,231.75*

*€95,223.75 + 10% (Opportunitajiet mankati u potenzjal mitluf) = €104,745.*

*€104,745 + €10,964 (Damnum emergens) = €115,709".*

4. Fl-ewwel aggravju l-konvenut jikkontesta d-*damnum emergens* li llikwidat l-Ewwel Qorti in kwantu għas-somma ta' €1,250, nofs is-somma ta' €2,500. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi talbet lill-Ewwel Qorti sabiex *arbitrio boni viri* tillikwida €2,500 *".... spejjeż oħra bħal per eżempju meta kellha tiġi Malta biex tixhed u l-fiżjoterapija li kellha tkompli u mediċinali (bħal pain killers, li ser tkun kostretta tibqa' teħodhom għal għomorha !"*. L-Ewwel Qorti illikwidat is-somma ta' €1,250 spejjeż ta' vjaġġi biex l-attriċi ġiet Malta biex tixhed.

5. Mill-atti jirriżulta li l-attriċi kienet Malta meta fetħet il-kawża fid-9 ta' Jannar 2020, għas-seduta tal-11 ta' Frar 2021 meta ippreżentat l-affidavit

li kkonfermat bil-ġurament fl-20 ta' Jannar 2021 u fid-9 ta' Marzu 2022 meta xehdet in kontroeżami.

6. M'hemmx dubju li l-attriċi setgħet tat prokura lill-avukat li assistiha fil-kawża sabiex jiftaħ il-kawża f'isimha u jidher bħala mandatarju waqt is-smigħ. Inoltre, seta' saru arranġamenti sabiex il-kontroeżami tagħha jsir b'mod telematiku. Madankollu, b'daqshekk ma jfissirx li l-attriċi ma kellhiex tiġi Malta u tattendi personalment sabiex tiftaħ il-kawża u wkoll tkun preżenti għal uħud mis-seduti tal-kawża. Wieħed irid japprezza li l-inċident mertu tal-kawża kellu konsegwenzi serji fuq il-ħajja tal-attriċi u għalhekk altru milli kellha interess li tattendi personalment. Għalhekk ma jistax jingħad li fil-ftit drabi li ġiet Malta minn meta fetħet il-kawża, kien xi kapriċċ. Parti f'kawża għandha kull dritt li tattendi personalment u ssegwi personalment x'ikun għaddej. Dan apparti li s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti hi fiha nnifisha konservattiva. Spejjeż saru żgur għaliex l-attriċi mhijiex residenti Malta, u fir-rigward tal-vjaġġ li għamlet ma' żewġha biex fetħet il-kawża hemm prova (ara dokumenti f'annex 25 mehmuża mar-rikors maħluf). Hu ovvju li saru spejjeż oħra fid-darbtejn l-oħra li ġiet Malta waqt is-smigħ tal-kawża, u li mill-verbali tas-seduti jirriżulta li l-attriċi kienet preżenti għalihom. Inoltre, wieħed irid japprezza li l-ispejjeż tal-vjaġġ ma kinux limitati għat-titjira mill-Italja għal Malta u lura, imma spejjeż ta' alloġġar, ikel u trasport.

7. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju u tiddikjara li hu fieragħ.

8. It-tieni aggravju jitratta dwar it-tnaqqis ta' 2% għal *lump sum payment*.

9. L-inċident tat-traffiku seħħ fit-13 ta' April 2018. L-attriċi fetħet il-kawża fid-9 ta' Jannar 2021 u l-kawża ser tkun deċiża b'mod finali fi żmien ta' tliet snin. L-Ewwel Qorti naqset 18% bħala *lump sum payment*. Il-konvenut jippretendi li t-tnaqqis kellu jkun ta' 20% u mhux 18% għaliex kienet għażla tal-attriċi li tiftaħ il-kawża sentejn wara l-inċident u ma kienx hemm dewmien tal-konvenut. Id-diskrepanza bejn tnaqqis ta' 20% u 18% mis-somma ta' €464,544 (ara fol. 13 tas-sentenza appellata) hi €9,291.

10. Hu minnu li l-attriċi fetħet il-kawża kważi sentejn wara l-inċident. L-espert mediku nkarigat ħejja rapport datat 16 ta' Mejju 2019 li fih ikkonferma li qiegħda tbati minn debilità permanenti ta' 25%.

11. Bażat fuq il-ġurisprudenza li għamlet referenza għaliha l-Ewwel Qorti, setgħet tikkonkludi li għandu jitnaqqas 2% mill-20% *lump sum payment*.

12. Għaldaqstant, tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

13. Fit-tielet aggravju l-konvenut ilmenta li l-attriċi m'għamlitx il-kalkoli fuq il-paga minima. Meta seħħ l-inċident l-attriċi ma kinitx taħdem u skont ir-rapport mediku tal-konsulent *ex parte* li għamel ir-rapport *ex parte*, kienet ilha ma taħdem sa mis-sena 2015. Ma jirriżultax li bdiet taħdem wara l-inċident. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-kalkoli għandhom isiru fuq il-paga medja f'Malta ġialadarba l-inċident seħħ f'Malta. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet il-kalkoli fuq l-ammont ta' €1,613 fis-sena fix-xahar li jfisser €19,356.

14. Fis-sena 2018, meta seħħ l-inċident, is-salarju minimu f'Malta għall-persuni adulti kien €172.51 fil-ġimgħa li jfisser €8,970 f'sena.

15. L-attriċi hi gradwata minn Università fil-Polonja f'*social work* u għalliema tal-PE. Il-provi ma jurux li kienet taħdem f'dak il-qasam. L-attriċi kienet ilha mis-sena 2015 bla xogħol, fejn qalet li kienet taħdem bħala *"team assistant in mortgages a personal loans office"*.

16. Quddiem l-Ewwel Qorti l-partijiet qalu li l-kalkoli kellhom isiru fuq il-paga minima nazzjonali. B'dan li l-attriċi qalet li din kellha tkun tal-Italja filwaqt li l-konvenut qal li l-Qorti għandha tapplika l-paga minima nazzjonali ta' Malta peress li l-inċident seħħ f'Malta. L-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-kalkoli għandhom isiru fuq il-qligħ medju f'Malta, wara li kkunsidrat li l-attriċi hi gradwata *".... li ma jeskludux il-possibilita' li*

*potenzjalment setgħet issib impieg b'remunerazzjoni ogħla mill-paga minima"*.

17. L-attriċi ggradwat mill-Università u għadha ser tagħlaq 41 sena. Hu fatt li dakinhar tal-inċident ma kinitx taħdem u sal-lum għadha ma taħdimx (ara kontroeżami li sar fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022) minkejja li għaddew iktar minn ħames snin minn meta seħħ l-inċident. Mhuwiex ċar jekk l-attriċi ma taħdimx minħabba ġrieħi li sofriet fl-inċident jew hijiex għażla libera tagħha. L-Ewwel Qorti qalet li ser ikun diffiċli għaliha li ssib xogħol fl-edukazzjoni fiżika, fir-rigward ta' liema għandha l-kwalifiki. Milli fehmet il-Qorti l-attriċi għandha diploma fis-*social work* u l-edukazzjoni fiżika (ara dokument a fol. 157) apparti li l-aħħar xogħol li kellha (sena 2013) qalet li kienet taħdem *part-time* bħala *"team assistant in mortgages a personal loans office"*.

18. Evidenti għalhekk li wkoll fi żmien tal-inċident l-attriċi kellha potenzjal li ssib impieg b'paga b'ferm iktar mill-paga minima nazzjonali f'Malta fl-ammont ta' €8,970 fis-sena. Ċirkostanza li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ma skartatx. B'hekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li bħala bażi użat qligħ ta' €1,600 fix-xahar.

19. L-aħħar aggravju hu dwar l-10% żieda li għamlet l-Ewwel Qorti għal dak li ddeskriviet bħala *"opportunitajiet mankanti u potenzjal mitluf"*. Fis-

seduta tad-9 ta' Marzu 2022 il-konvenut iddikjara li *"... jistrieħ fuq ir-rapport ta' Mr Frederick Zammit Maempel li ġie eżebit ex parte ....."*.

20. L-Ewwel Qorti rriproduċiet dak li kiteb l-espert mediku inkarigat mill-attriċi fl-aħħar parti tar-rapport, li:

> *"The right hip lost practically half of the normal range of movement, and continues to restrict her walking distance and disturb her sleep. Traumatic dislocation of a hip, and more so a fracture dislocation of a hip, increases the possibility of arthritis setting in. In the case of Ms Labuz both hips suffered this fate. Right lower limb function was further curtailed by a bimalleolar fracture which involved articular surface and will precipitate ankle discomfort when walking on uneven ground. This ankle is also more prone to develop degenerative changes. As well as the cumulative adverse effect on mobility caused by damage to both lower limbs, Ms Labuz also suffered damage to the pelvic inlet at three sites. This is relevant in a female of child bearing age. The ligamentous damage to the left sacroiliac joint, the left acetabular fracture and displaced fragment of public ramus abut on or distort the pelvic inlet and may well interfere with normal childbirth. The sacroiliac joint damage may result in occasional low back pain".*

21. Il-konvenut qal li ir-rata ta' 25% ma ġietx kontestata mill-partijiet. Hu fatt għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi għamlet referenza għall-impatt negattiv li l-inċident kellu fuq ħajjitha. Għalkemm l-attriċi ippretendiet ħlas ta' danni morali, l-Ewwel Qorti żiedet id-danni b'10% minħabba *"opportunitajiet mankati u potenzjal mitluf"*. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għall-kunċett ta' dannu bioloġiku li hemm fid-dritt ċivili Taljan (ara fol. 11 tas-sentenza), li però m'huwiex dannu patrimonjali u ma jifformax parti mid-dritt Malti. Wieħed irid japprezza li meta l-Ewwel Qorti għamlet il-kalkoli fuq salarju medju ta' €1,613 fix-xahar, kienet qiegħda tieħu wkoll in konsiderazzjoni *"l-*

*opportunitajiet mankati u potenzjal mitluf"*. Fil-fatt l-Ewwel Qorti stess osservat li l-attriċi għandha kwalifiki akkademiċi *".... li ma jeskludux il-possibilita' u li potenzjalment setgħet issib impieg b'remunerazzjoni ogħla mill-paga minima"*.

22. Għalkemm fit-tweġiba l-attriċi għamlet referenza għall-emenda li saret fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att XXXII tal-2018, ma spjegatx kif dik l-emenda tapplika għall-każ tagħha. L-attriċi semmiet ukoll li fil-futur mhux ser ikollha l-għajnuna ta' ommha, mhux garantit li żewġha jibqa' jieħu ħsiebha, dan iktar u iktar meta tqis li ġenbejha ser jiddettorjaw biż-żmien. Però dak l-argument ma jidhirx li kien dak li wassal lill-Ewwel Qorti biex iżżid il-*lucrum cessans* b'10%.

23. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma taqbilx li l-*lucrum cessans* kellhom jiżdiedu b'10% oħra u għalhekk ser tnaqqas id-danni dovuti lill-attriċi.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' biss ir-raba' aggravju u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li d-danni li għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attriċi huma fis-somma ta' mija sitt elef, mija u sitta u disgħin ewro (€106,196) u mhux dik stabbilita mill-Ewwel Qorti. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal tlieta minn erbgħa (¾) a karigu tal-konvenut u wieħed minn erbgħa (¼) a karigu tal-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da